**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta'Gunju, 2016**

Talba Numru: 46/2016 JB

Kawza Numru: 16

**Iain Aaron Degiorgio (K.I.: 154800L)**

***vs***

**Antoinette Pace (K.I.: 328285M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentata nhar id-9 ta' Frar 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' €1,209.96 oltre ghal somma ohra li tigi likwidata li ma teccedix is-somma ta' €2,284.10 u dan in konnessjoni ma' kontravvenzjonijiet u spejjez ohra dovuti lil CVA Technology Company Limited fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KYR785. Talab ukoll l-ispejjez inkluz dawk ta' mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-Avviz tat-Talba.

Ra d-digriet tas-17 ta' Frar 2016 fejn it-Tribunal, fil-waqt li appunta l-kawza ghas-smiegh, ta provvedimenti ghall-ahjar tmexxija tal-kaz;

Ra n-nota prezentata mill-Konvenuta (a fol 11) fejn ammettiet it-talbiet kif dedotti;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet;

Ra n-nota prezentata mid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-lum fejn qablu li l-ammont li ghandu jigi kanonizzat a favur tal-Attur huwa ta' mija u sitta u tmenin euro (€186)

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenuta u n-nota kongunta fejn il-partijiet irregistraw qbil dwar l-ammont mertu tal-kawza, huwa car li t-talba Attrici tisthoqq li tigi milqugha izda soggett ghal dak indikat fin-nota pprezentata llum stess;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fuq l-ammissjoni tal-Konvenuta, u fid-dawl tan-nota prezentata llum stess, jilqa' t-Talba Attrici limitatament ghas-somma ta' mija u sitta u tmenin euro (€186) u konsegwentement jikkundanna lill-Konvenuta thallas lill-Attur is-somma ta' €186. L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluz dawk tal-mandat ta' qbid imsemmi fl-Avviz tat-Talba jkunu a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*